



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-315/16**

**József Lingurár**

**vs**

**Ministerelnökséget vezető miniszter,**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Kúria)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika Agrikola Komuni – Finanzjament mill-FAEŻR – Appoġġ għall-iżvilupp rurali – Ħlasijiet Natura 2000 – Benefiċċju rriżervat għall-persuni privati – Żona forestali parzjalment proprjetà tal-Istat”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-30 ta' Marzu 2017

1. *Atti tal-istituzzjonijiet - Regolamenti - Applikabbiltà diretta - Kompetenza ta' implementazzjoni rrikonnoxxuta lil Stat Membru - Limiti - Osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

*(it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE)*

2. *Agrikoltura - Politika Agrikola Komuni - Finanzjament mill-FAEŻR - Għajjnuna għall-iżvilupp rurali - Għajjnuna favur użu sostenibbli tal-art forestali - Benefiċċju rriżervat għall-persuni privati - Żona forestali parzjalment proprjetà tal-Istat - Kalkolu tal-ammont ta' għajjnuna - Obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni r-relazzjoni bejn is-superfiċje proprjetà tal-Istat u dik proprjetà ta' persuna privata*

*(Regolament tal-Kunsill Nru 1698/2005, Artikolu 42(1))*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 17, 18, 29)

2. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, tal-20 ta' Settembru 2005, dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), għandha tiġi interpretata fis-sens li, meta żona forestali eleġibbli għall-appoġġ Natura 2000 hija parzjalment proprjetà tal-Istat u parzjalment proprjetà ta' sid privat, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni r-relazzjoni bejn is-superfiċje ta' din iż-żona proprjetà tal-Istat u dik proprjetà ta' dan is-sid privat għall-kalkolu tal-ammont tal-appoġġ li għandu jitħallas lil dan tal-aħħar.

Issa, il-fatt li parti minn plott ta' żona forestali klassifikata bħala Natura 2000 ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ Natura 2000, għar-raġuni li din hija proprjetà tal-Istat, ma jwassalx għall-għajbien tan-neċessità ta' kumpens għar-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-plottijiet ta' din iż-żona proprjetà ta' sid privat minħabba l-implementazzjoni tar-rekwiżiti previsti minn dawn id-direttivi.

Għalhekk, l-esklużjoni totali mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament Nru 1698/2005 ta' żona forestali kklassifikata bħala Natura 2000 li hija l-proprjetà kemm ta' sid privat kif ukoll tal-Istat neċessarjament telimina l-għan kumpensatorju tas-sistema ta' ħlasijiet Natura 2000.

(ara l-punti 27, 28, 36 u d-dispożittiv)